MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Frar, 2015

Mandat Numru. 17/2015/1

Margaret **CAUCHI**

vs

Raymond **CAUCHI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-19 ta’ Jannar, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta’ Inibizzjoni biex iżomm lill-intimat żewġha milli “bi kwalunkwe mod jiddisponi *inter vivos* sew b’titolu oneruż kif ukoll b’titolu gratuwitu, kif ukoll milli jaggrava b’xi piż jew dejn kwalsijasi assi u/jew investimenti miżmuma mal-Malta Stock Exchange u ma’ *Calamatta Cuschieri*; liema

investimenti jinsabu fuq isem l-intimat waħdu u dana minkejja li huma appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti" eżistenti bejnha u bejnu;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Jannar, 2015, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien għat-tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-3 ta' Frar, 2015;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fid-9 ta' Novembru, 2012, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għat-talba għall-ħruġ tal-Mandat billi, b'mod preliminari qal li l-att imressaq ma jiswiex għaliex ir-rikorrenti naqset għal kollox milli ssemmi l-oriġini u x-xorta tal-kreditu li hija tippretendi li għandha kontrih u dan bi ksur tal-artikolu 831(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.  Fil-mertu, laqa' billi qal li din il-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minħabba li hu ma għandu l-ebda ħsieb li jbiegħ jew jiddisponi mill-ebda investimenti tiegħu u għalhekk ma hemmx ħtieġa għall-ħruġ tal-istess Mandat. Jiċħad ukoll li hemm xi raġuni għalfejn ir-rikorrenti titlob il-ħruġ tal-Mandat ladarba hija għandha wkoll f'isimha ġid tal-komunjoni tal-akkwisti li jisboq bil-kbir il-valur tal-investimenti li qiegħda żżommu milli jmiss bis-saħħa tal-Mandat minnha mitlub;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors, magħduda nota mressqa mir-rikorrenti waqt is-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Frar, 2015, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qiegħda titlob li l-intimat jitwaqqaf milli b'xi mod jiddisponi jew jgħabbi b'xi att *inter vivos* kemm jekk bi ħlas jew b'xejn, kwalsijasi assi u/jew kwalsijasi investimenti magħmulin f'ismu u miżmuma mill-Borża ta' Malta u ma' d-ditta ta' investituri *CalamattaCuschieri*;

Tqis li r-rikorrenti u l-intimat huma miżżewġin u, minħabba li bħalissa ż-żwieġ għaddej minn problemi bejniethom, inbdew proċeduri quddiem din il-Qorti għall-firda personali.  Iż-żwieġ tagħhom huwa regolat mir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti;

Tqis li r-rikorrenti trid li ladarba l-imsemmija investimenti saru minn żewġha matul iż-żwieġ, imma saru fuq ismu biss, is-sehem tagħha minnhom bħala sehemha mill-imsemmija komunjoni ma jittifisx u dan jista' jsir jekk kemm-il darba l-intimat ma jinżammx b'Mandat milli jagħmel dan bla ma għandu għalfejn jitlob l-intervent tagħha u minn wara daharha;

Tqis li l-Mandat li r-rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ tiegħu llum huwa wieħed "ġenerali" maħsub taħt l-artikolu 873 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Ma tressaqx taħt l-artikolu 876, u dan għaliex, skond is-sottomissjonijiet tal-għaref difensur tar-rikorrenti, l-ġid tal-komunjoni li huwa maħsub li jintlaqat bil-ħruġ tal-Mandat mhuwiex fost il-ġid li l-liġi tgħid li dwaru jista' jinħareġ Mandat taħt dak l-artikolu;

Tqis, għalhekk, li ladarba r-rikorrenti ressqet it-talba tagħha taħt is-sura tal-Mandat ta' Inibizzjoni "ġenerali", hija trid twettaq il-ġustifikazzjoni tat-talba tagħha skond dik l-għażla, kif kieku kien ikun biżżejjed li jsir f'każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni taħt l-artikolu 876 tal-istess Kodiċi;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[1];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[2]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-

[1] Art. 873(1) tal-Kap 12
[2] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[3];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[4]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-egħmil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li jkun għandu fil-waqt li ressaq it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, dwar l-**eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' siwi tar-rikors**, din tinbena fuq l-argument li r-rikorrenti naqset li ssemmi x'inhi x-xorta ta' debitu jew pretensjoni li hija trid li tqiegħed fiż-żgur bil-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub. Dan l-argument jinbena fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12, liema rekwiżit l-istess artikolu jitlob li jkun imħares taħt il-piena tan-nullita' tal-att;

Tqis li, b'mod ġenerali, eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari ma jintlaqgħux fi proċedura bħal din fejn it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[5]. F'dan il-każ, l-eċċezzjoni tirreferi sewwasew għal nuqqas radikali li jolqot l-eżistenza ta' parti fil-proċedura u liema nuqqas jidher sewwa mill-atti, u dan għaliex il-Mandat mitlub jimmira li jżomm sewwasew lill-istess parti intimata milli twettaq xi ħaġa li l-parti rikorrenti trid iżżommha milli twettaq;

Tqis li l-imsemmija eċċezzjoni tirrigwarda s-siwi formali tal-att ġudizzjarju mressaq. Biex att ġudizzjarju jkun bla siwi jew irritu, irid jintwera li tkun tgħodd xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 789(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-każ tal-lum, iż-żewġ argumenti msemmija mill-intimat jinbnew fuq l-artikolu 789(1)(a) tal-Kap 12 rispettivament. Il-Qorti sejra tqis is-siwi tal-argument tal-intimat;

---

[3] Art. 875(3) tal-Kap 12
[4] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[5] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)

Tqis li l-fatt waħdu li r-rikorrenti nqdiet bil-formola tal-Mandat ta' Inibizzjoni "ġenerali" minflok dik partikolari ma jwassalx għan-nuqqas ta' siwi tal-att. L-istess rikorrenti tat ir-raġuni għalfejn qieset li kellha tressaq it-talba tagħha bil-Formola taħt l-artikolu 873 u mhux dik taħt l-artikolu 876. Ta' min jgħid li l-formola taħt l-artikolu 876 hija biss waħda minn suriet partikolari maħsuba mil-liġi fl-għamla tal-Mandat ta' Inibizzjoni, iżda ma hemm imkien li kreditur ma jistax jinqeda bil-Formola "ġenerali" tal-Mandat biex iħares il-pretensjonijiet tiegħu. Kif ingħad qabel, ladarba r-rikorrent ikun għażel li jinqeda bil-Formola "ġenerali", jkun tefa' fuqu l-piż li jissodisfa l-elementi kollha meħtieġa biex jikseb il-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub, ħaġa li ma jkollux għalfejn jagħmel li kieku jkun għażel li jinqeda bil-Formola taħt l-artikolu 876. Minbarra dan, l-intimat naqas li juri xi ħsara ġarrab bil-fatt li r-rikorrenti nqdiet b'formola minflok b'oħra[6], ladarba dawn it-tnejn jirrigwardaw l-istess Mandat. Kien ikun, forsi, argument ieħor li kieku r-rikorrenti riedet toħroġ Mandat kawtelatorju ieħor u nqdiet minflok bil-Formola tal-Mandat ta' Inibizzjoni: iżda hawnhekk ma ġarax hekk;

Tqis li huwa tabilħaqq minnu li r-rikorrenti fl-ebda parti mir-rikors tagħha ma ssemmi xi kreditu jew somma li hija tippretendi mingħand l-intimat żewġha jew biex tħarisha bil-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub, imma l-liġi ma titlobx bilfors it-tismija ta' kreditu, imma ta' "pretensjoni". Kemm hu hekk, huwa minnu li, fil-każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, normalment ma tidħolx kwestjoni ta' tismija ta' ammonti u valuri, l-aktar fejn il-jedd li l-parti rikorrenti tkun qiegħda tikkawtela jkun xi jedd li ma jissarrafx fi flus (kemm hu hekk, jingħad li l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat tiġi nieqsa jekk kemm-il darba l-jedd li r-rikorrent ikun irid iħares jista' jingħata rimedju dwaru b'azzjoni għad-danni). Issa f'dan il-każ, ir-rikorrenti nediet sewwasew proċeduri li jwasslu għall-firda personali u l-effetti l-oħrajn li azzjoni bħal dik iġġib magħha. Dan il-fatt jissemma f'wieħed mill-paragrafi tar-rikors promotur;

Tqis li għalhekk, ladarba t-talba tar-rikorrenti hija waħda għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-fatt li hija trid tħares l-interessi tagħha fil-komunjoni tal-akkwisti u ssemmi l-biżgħa li titlef tali ħarsien jekk kemm-il darba ma kellhiex tintlaqa' t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat, jikkostitwixxi fil-fehma ta' din il-Qorti, t-tismija tal-pretensjoni li l-liġi titlob mir-rikorrenti. L-għamla ta' rimedju mitlub huwa wieħed konservattiv tal-istat ta' fatti u dak li jista' jintalab bis-saħħa tal-Mandat "speċjali" taħt l-artikolu 876 m'għandux ma jkunx ukoll jista' jintalab bis-saħħa tal-

[6] Ara Art. 789(1)(ċ) tal-Kap 12

Mandat "ġenerali" taħt l-artikolu 873, jekk kemm-il darba jintwerew l-elementi meħtieġa li ssemmew qabel;

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[7], disaġju jew tħassib;

Tqis li l-jedd *prima facie* li r-rikorrenti tippretendi li għandha f'dan ir-rigward hu dak li jitħares l-interess tagħha fil-komunjoni tal-akkwisti b'mod partikolari li l-ġid li jagħmel mill-istess komunjoni ma jitteħidx jew jgħaddi għand ħaddieħor;

Tqis li l-intimat jisħaq li mhux biss martu r-rikorrenti ma semmiet l-ebda jedd "*prima facie*", talli jisħaq li hu ma għandu l-ebda ħsieb li jċaqlaq b'xi mod l-investimenti li hu għamel u li jissemmew fir-rikors;

Tqis li r-rikorrenti wriet li tabilħaqq għandha jedd mad-daqqa t'għajn li jixraq li jkun imħares. Kif ingħad qabel, jekk kemm-il darba l-liġi tagħti lil persuna li għamlet jew tkun ser tagħmel quddiem qorti kawża għall-firda personali l-jedd għaldaqshekk biss li titlob li toħroġ Mandat, allura dan ifisser li f'għajnejn il-liġi dan huwa jedd "*prima facie*" tajjeb biżżejjed biex talba bħal dik tintlaqa';

Tqis għalhekk li l-element tal-jedd mad-daqqa t'għajn jirriżulta li huwa sodisfatt;

Tqis li dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-egħmil li r-rikorrenti trid iżżomm lill-intimat milli jwettaq, il-Qorti ssib li dan l-element jirriżulta wkoll. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[8], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, f'dan il-każ, il-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat tirriżulta għaliex, minkejja d-dikjarazzjoni tal-intimat li mhux fi ħsiebu li jċaqlaq xejn mill-investimenti li huwa għamel f'ismu, jekk kemm-il darba l-intimat jibdel fehemtu, ma jkun hemm xejn x'iżommu milli jagħmel dan. Minbarra dan, jekk kemm-il darba xi investimenti minn dawk li għalihom jirreferi r-rikors tabilħaqq jgħaddu f'idejn ħaddieħor jew jekk l-intimat jirhan jew b'xi mod

---

[7] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

[8] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

ieħor jgħabbi l-istess investimenti, jkun b'dan il-mod qiegħed jittrasferixxi, jirhan jew jgħabbi wkoll sehem martu r-rikorrenti fl-istess investimenti u, sa dan ir-rigward, ikun qiegħed iġibilha ħsara li ma tissewwiex mod ieħor.  Il-fatt li l-intimat jallega li martu r-rikorrenti għandha ġid ieħor f'isimha li jagħmel tajjeb għal sehemha mill-komunjoni ma jżommx b'daqshekk mis-siwi tat-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li wieħed m'għandux jinsa li t-talba tal-Mandat tal-lum hija waħda li hija maħsuba li tikkonserva bla mittiefes u fl-istat attwali l-ġid tal-komunjoni li għalih il-Mandat jista' jirreferi.  Min-naħa l-oħra, minħabba li l-Mandat jitkellem dwar ħwejjeġ speċifiċi u mhux b'mod ġeneriku, l-intimat ma jistax jilminta li kull ġid huwa milqut u li huwa ma jistax idur għal ġid ieħor tal-komunjoni biex jissodisfa l-ħtiġijiet tiegħu u biex jinqeda bi ħwejġu;

Tqis għalhekk li ntwera tajjeb biżżejjed li dan l-element mitlub mil-liġi jirriżulta wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari** tal-intimat dwar is-siwi tal-att imressaq mir-rikorrenti, għaliex mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat** ladarba jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, bl-**ispejjeż** kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------